MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1637/1998/1

**Improved Design Limited**

**v.**

**Antoine Grima**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Awissu 1998, is-socjeta` attrici ppremettiet Illi

l-konvenut Antoine Grima talab li jiġu istitwiti proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali minħabba allegazzjoni ta' tkeċċija nġusta mill-impjieg tiegħu mas-soċjeta` attriċi; illi skond id-deċizjoni numru 936 tat-Tribunal Industrijali tat-3 t'April 1998 fl-ismijiet "Antoine Grima vs Improved Design Ltd", il-kumpannija attriċi, appellata f'dik l-istanza, ġiet ikkundannata terga' tagħti l-impjieg lura lil Antoine Grima b'seħħ mill-25 ta' Ġunju 1997, u li tħallas lill-istess konvenut il-paga sħiħa mill-25 ta' Ġunju 1997, flimkien maż-żewġ tipi ta' bonus dovuti fid-dati kif indikati mit-Tribunal; illi fil-kors tal-provi miġbura f'din il-kwistjoni tax-xogħol quddiem it-Tribunal Industrijali, il-konvenut ta xhieda guramentata falza, meta xehed u saħansitra kkonferma illi tul il-kors tal-istess proċeduri quddiem it-Tribunal, huwa ma kienx qiegħed jaħdem; illi s-soċjeta` attriċi għandha provi suffiċjenti sabiex turi illi l-konvenut kien qiegħed jaħdem fil-kors tas-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal, tant illi għadu sal-lum impjegat fl-istess post tax-xogħol; illi d-deċizjoni tat-Tribunal, u partikolarment il-kundanna imposta fuq is-soċjeta` attriċi fl-istess deċizjoni, kienet ibbażata prinċipalment fuq l-insistenza tal-konvenut illi huwa ma kienx qed jaħdem;

Għalhekk is-soċjeta` attriċi talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

"1. Tiddikjara illi l-konvenut ta xiehda guramentata falza fil-kors tas-smigħ tal-Każ numru 1150 fil-kwistjoni tax-xogħol bejn l-istess konvenut u s-soċjeta' attriċi dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hija nġusta, u li din ix-xiehda falza wasslet għad-deċizjoni, ossija kundanna, mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-3 ta' April 1998, fil-konfront tas-soċjeta` attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni;"

B'nota pprezentata fis-27 ta' Novembru 1998, il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-4 ta' Marzu 2004, billi, kif jinghad fil-parti dispositiva tas-sentenza:

**"Tilqa' limitatament l-ewwel talba** billi tiddikjara li l-imharrek ma xehedx is-sewwa waqt is-smigh tal-kaz tat-tkeccija mill-impieg tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fil-Kaz Numru 1150 meta dak iz-zmien qal li ma kienx qieghed jahdem;

**Tiddikjara** li ma ntweriex li kienet dik ix-xhieda falza li wasslet lit-Tribunal biex isib favur l-imharrek; u

**Tordna** li, minhabba f'hekk, l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet, hlief li l-imharrek ghandu jhallas l-ispejjez tar-Registru."

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni dikjaratorja. Il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li l-imħarrek xehed il-falz matul il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali dwar it-tkeċċija tiegħu mill-impieg, meta xehed taħt ġurament li kien qiegħed;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li t-talba attriċi ma jistħoqqilhiex tintlaqa' għaliex hu kien mingħajr impieg matul dak iż-żmien;

"Illi jidher xieraq li jiġi dikjarat li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali. Dan stqarru bla ebda ekwivoku l-abbli difensur tal-kumpannija attriċi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu. Li kieku kienet kwestjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-imsemmija deċiżjoni, l-Qorti kienet tabilfors tapplika għall-każ qies u konsiderazzjonijiet għal kollox differenti;

"Illi dan ifisser ukoll li l-ebda ħaġa li tingħad f'din is-sentenza m'għandha tolqot l-effetti tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, għaliex m'huwiex qiegħed jiġi mitlub f'din l-azzjoni li l-Qorti tgħaddi xi ġudizzju fuq is-siwi tal-imsemmija deċiżjoni;

"Illi meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwestjoni tal-interess li wieħed iressaqha. Huwa stabilit[1] li m'humiex amissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett[2]. Minbarra dan, azzjoni dikjaratorja ssib is-sens tagħha jekk tkun pre-ordinata għal kawża oħra li tiddependi sewwasew mis-sentenza dikjaratorja[3];

"Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[4];

"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[5], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[6]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[7];

---

[1] Ara App. Ċiv. **3.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et*** (Kollez. Vol: **LI.i.130, a fol. 170**)
[2] Ara, per eżempju, P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco et*** (Kollez.Vol: **XXXIV.ii.453**)
[3] Ara, App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[4] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[5] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[6] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[7] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

"Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[8];

"Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-Ċitazzjoni nnifisha[9], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-Ċitazzjoni, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[10];

"Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[11], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[12];

"Illi jaqgħu taħt skrutinju tal-Qrati wkoll dawk l-azzjonijiet li, għalkemm imsejsin fuq jedd tal-attur, ikunu maħsuba esklussivament biex jagħmlu ħsara lill-imħarrek mingħajr ma jagħtu l-ebda vantaġġ utli lill-attur, għajr is-"sudisfazzjon" li jkun qagħbar lill-istess imħarrek. Dawn l-azzjonijiet huma magħrufa fid-duttrina bħala acta ad aemulationem. F'każijiet bħal dawn, id-duttrina tqis li azzjonijiet ta' din l-għamla huma saħansitra illegali u jonqos fihom l-interess ġuridiku meħtieġ[13];

"Illi fil-każ preżenti, l-imħarrek ma qanqalx fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-kwestjoni tal-interess tal-kumpannija attriċi. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, wieħed irid jara jekk il-Qorti għandhiex tqis minn rajha (ex ufficio) l-kweżit tal-interess fil-kumpannija attriċi bħala element ewlieni kostitutiv ta' kull azzjoni li tiswa. Huwa stabilit li l-Qorti għandha kemm is-setgħa u kif ukoll il-jedd li tqis il-fattur

[8] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).
[9] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[10] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***
[11] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[12] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[13] Cfr. Said Pullicino "*The Civil Action with Special Reference to the Element of Interest*", (Teżi LL.D., 1961), paġġ. 56-8 u 89-91.

tal-interess ta’ parti, wkoll meta ma jkunx hemm eċċezzjoni f’dan is-sens, iżda mhux qabel ma l-Qorti tkun semgħet il-provi biex fuq is-saħħa tagħhomhija tkun tista’ tasal għall-fehma tagħha[14];

“Illi fil-każ preżenti, jidher li l-kumpannija attriċi torbot il-mod ta’ kif it-Tribunal Industrijali qata’ l-kwestjoni tat-temm tal-impieg tal-imħarrek mad-dikjarazzjoni li l-istess imħarrek għamel waqt il-proċeduri quddiem dak it-Tribunal u jiġifieri li huwa kien mingħajr impieg. Il-kumpannija attriċi tgħid li t-Tribunal iddeċieda li jordna r-reinstatement tal-imħarrek prinċipalment għaliex emmen li hu kien mingħajr impieg. Minbarra dan, irriżulta waqt is-smigħ tal-kawża[15] li, b’effett mis-16 t’April, 1998, (li hija tlettax-il jum wara l-għoti tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali[16] u madwar erba’ xhur qabel infetħet din il-kawża) kien beda jaħdem ma’ terza persuna. Dan, għall-Qorti, ma jistax ifisser ħaġ’oħra għajr li l-imħarrek innifsu warrab il-possibilita’ li jibqa’ jippretendi li għadu impjegat tal-kumpannija attriċi;

“Illi l-kumpannija tfisser l-interess tagħha fl-eżitu ta’ din il-kawża fid-dikjarazzjoni maħlufa mressqa mal-Att taċ-Ċitazzjoni[17], meta tgħid li l-interess tagħha li jiġi dikjarat li l-imħarrek xehed il-falz twassal bħala konsegwenza li “it-Tribunal iħassar id-deċiżjoni numru 936”;

“Illi l-Qorti, wara li qieset il-prinċipji kollha fuq imsemmija, tasal għall-fehma li, għalkemm remota, il-possibilita’ li l-kumpannija attriċi tressaq azzjoni speċifika ta’ stħarriġ ġudizzjarju dwar id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-kwestjoni tax-xogħol tagħha kontra l-imħarrek hija element tajjeb biżżejjed biex isejjes l-interess tagħha fl-azzjoni preżenti. U peress li azzjoni eventwali ta’ stħarriġ ġudizzjarju dwar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali trid titressaq quddiem din il-Qorti, it-talba preżenti ma tistax titqies inutli[18]. Din il-Qorti tagħmilha ċara li hi ma qegħda bl-ebda mod tgħid li, kieku

[14] App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[15] Xhieda ta’ Fiorenzo Desira 6.6.2001, f’paġ. 53 tal-proċess
[16] Paġġ. 144-8 tal-proċess
[17] Par. 7 tad-Dikjarazzjoni, f’paġ. 4 tal-proċess
[18] Ara P.A. **13.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.606**)

l-kumpannija kellha tressaq kawża fuq il-parametri imsemmija, tali eventwali kawża jkollha tabilfors eżitu favorevoli għall-kumpannija attriċi;

"Illi, issa li ġie iċċarat l-aspett proċedurali tal-każ, jibqa' dejjem mifhum li l-mertu waħdieni li din il-Qorti hija mitluba tqis huwa dak dwar jekk l-imħarrek Antoine Grima xehedx il-falz meta, matul iż-żmien li kien qiegħed jinstama' l-każ tiegħu mit-Tribunal Industrijali, qal li hu kien mingħajr impieg;

"Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'"falz" wieħed irid hawn jifhem "xi ħaġa li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux sempliċement "xi ħaġa li l-parti ma taqbilx magħha" jew li ħaddieħor jaraha b'mod ieħor. Fi kliem ieħor, biex jista' jintwera li ngħad il-falz taħt ġurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li ngħad. Tali fatt irid jirriżulta mill-atti u mhux jissemma biss bħala argument. Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bħala "falz", kieku jista' tassew jingħad li ma teżistix kawża mqar waħda fejn ma jingħadx il-falz !;

"Illi provi dwar il-mertu tal-kawża tressqu biss mill-kumpannija attriċi. L-imħarrek ma ressaq l-ebda prova u lanqas jidher li ħa xi passi biex imieri x-xhieda mressqa mill-attriċi. Mill-provi li ressqet il-kumpannija attriċi, għandu jingħad mil-ewwel li x-xhieda li fuqha hija tista' tistrieħ hija dik mogħtija minn persuni li magħhom l-imħarrek kien involut fix-xhur ta' wara t-tkeċċija tiegħu mill-impieg mal-kumpannija attriċi. La x-xhieda tar-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Impiegi u Taħriġ[19] u lanqas dik ta' Miriam Bezzina[20] ma jissuffragaw it-teżi tal-kumpannija attriċi għaliex ma hija bl-ebda mod xhieda konklussiva li l-imħarrek kien jaħdem matul iż-żmien li l-każ kien għadu qiegħed jinstama' quddiem it-Tribunal;

"Illi x-xhieda waħdanija attendibbli hija dik ta' Mark Attard[21], li, filwaqt li jiddikjara li ma kienx jaf li l-imħarrek kellu xi problemi ma' ħaddieħor fuq ix-xogħol, f'waqt

---

[19] Ara xhieda ta' Fiorenzio Desira 20.6.2001, f'paġġ. 58-9 tal-proċess
[20] Affidavit 24.1.2000, f'paġ. 26 tal-proċess
[21] Affidavit 29.3.1999, f'paġġ. 17 tal-proċess

partikolari ġiegħel lill-imħarrek jagħmel il-proċeduri meħtieġa biex ikollu "ktieb tax-xogħol", u dan wara li l-imħarrek kien ilu xi xhur jaħdem miegħu fil-garaxx tiegħu. L-imsemmi xhud xehed ukoll li l-imħarrek "lejn il-bidu ta' Lulju, 1997... billi ma kellux xogħol staqsieni jekk huwa setgħax jibda jaħdem miegħi. .... In fatti, dana beda jaħdem miegħi kważi mill-ewwel, jiġifieri għall-ħabta tal-bidu ta' Lulju, 1997. Huwa baqa' jaħdem miegħi, mingħajr ktieb tax-xogħol, għal madwar disa' xhur";

"Illi din ix-xhieda, apparti l-implikazzjonijiet li jista' jkollha fuq l-istess xhud, ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-imħarrek. Jekk titqabbel ma' dak li stqarr taħt ġurament l-imħarrek waqt is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem it-Tribunal f'Novembru tal-1997[22] u fi Frar tal-1998[23], wieħed ma jridx wisq biex jifhem li l-verżjonijiet ma jaqblux. Huwa minnu li l-kliem tal-imħarrek jistgħu jagħtu tifsira xi ftit differenti minn kif tifhimhom il-kumpannija attriċi, imma jibqa' indubitat li, quddiem it-Tribunal (u għalkemm ma jidhirx li dik kienet il-kwestjoni ewlenija dibattuta), l-imħarrek xehed b'ġurament xi ħaġa li ma kinitx taqbel mas-sewwa;

"Illi din il-konklużjoni tindirizza biss parti mit-talba attriċi. Għalkemm mad-daqqa t'għajn wieħed jaħseb li l-azzjoni attriċi fiha talba waħda, fis-sewwa jrid jingħad li dik it-talba hija magħmula minn żewġ talbiet minsuġa flimkien. Il-kumpannija attriċi trid li l-Qorti tiddikjara li l-imħarrek ma xehedx is-sewwa quddiem it-Tribunal, u trid dikjarazzjoni li, dak il-fatt iddetermina l-konklużjonijiet ta' kif ingħatat id-deċiżjoni;

"Illi l-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-fehma tal-kumpannija attriċi. Id-deċiżjoni li ta t-Tribunal kienet dwar jekk l-imħarrek tkeċċiex mill-impieg tiegħu minn mal-kumpannija attriċi għal raġuni tajba jew le. Jekk huwa minnu – kif tinsisti l-kumpannija attriċi fix-xhieda tagħha[24] - li kemm-il darba kienet ġibdet l-attenzjoni tat-Tribunal dwar il-fatt li l-imħarrek kien jaħdem x'imkien ieħor, tali fatt mhux talli ma jgħinx it-teżi attriċi imma talli jwaqqagħha. Dan għaliex

[22] Paġ. 114A tal-proċess
[23] Paġ. 136 tal-proċess
[24] Affidavit ta' Felix Mifsud 19.10.1999, f'paġ. 16 tal-proċess

ikun ifisser li t-Tribunal ma qiesx dak ir-rikjam bħala wieħed attendibbli jew rilevanti, u illi l-konklużjoni tiegħu li l-imħarrek kien tkeċċa inġustament mill-impieg kienet mibnija fuq fatturi oħrajn. Fil-fatt, meta wieħed iħares lejn il-mod kif l-imħarrek kien xehed dwar il-kwestjoni ta' jekk kienx qiegħed jaħdem band'oħra matul iż-żmien li kienu għaddejjin il-proċeduri quddiem it-Tribunal, wieħed għandu jintebah minnufih li din ix-xhieda kienet marġinali għall-istħarriġ ewlieni li kien qiegħed mit-Tribunal dwar l-episodju ta' x'għamel l-imħarrek biex jikseb iċ-ċertifikat tal-korriment;

"Illi għalhekk, id-dikjarazzjoni li l-imħarrek ma kienx xehed is-sewwa m'għandha bl-ebda mod tinftiehem bħala dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet determinata minn dik ix-xhieda. Lanqas ma qiegħed jingħad li dik ix-xhieda tal-imħarrek kienet ir-raġuni determinanti li wasslet lit-Tribunal biex jiddeċiedi kif iddeċieda. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex fl-ebda parti mid-deċiżjoni tat-Tribunal ma jissemma xejn dwar il-fatt ta' jekk l-imħarrek kienx tassew qiegħed jew le;"

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk, b'rikors intavolat fl-24 ta' Marzu 2004, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-ewwel parti ta' l-imsemmija sentenza appellata, fejn laqghet limitatament l-ewwel talba attrici billi ddikjarat illi l-imharrek ma xehedx is-sewwa waqt is-smigh tal-kaz tat-tkeccija mill-impieg tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fil-Kaz Numru 1150 meta dak iz-zmien qal li ma kienx qieghed jahdem; tvarja u tirriforma t-tieni parti ta' l-istess sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara illi din ix-xhieda falza ta' l-imharrek waslet ghad-decizjoni, ossija kundanna, moghtija mit-Tribunal Industrijali fit-3 ta' April 1998, fil-konfront tas-socjeta` attrici u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut appellat, debitament notifikat bir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici, naqas li jipprezenta risposta u

kemm hu kif ukoll id-difensur tieghu naqsu li jidhru fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2007, meta l-kawza giet trattata u mhollija ghas-sentenza.

**L-aggravju tas-socjeta` attrici appellanti.**
Kif jidher mir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici, is-socjeta` appellanti hassitha aggravata mit-tieni parti tas-sentenza appellata u cioe` fejn l-ewwel Qorti iddikjarat illi ma ntweriex li kienet dik ix-xiehda falza li waslet lit-Tribunal biex isib favur l-imharrek. Infatti gie sottomess illi:-

a) l-ordni ta' *rienstatement* u l-kundanna ghal hlas tas-salarju mitluf jindika li t-Tribunal emmen li l-appellat kien qieghed wara t-tkeccija tieghu.

b) A bazi tal-principju li *fraus omnia corrumpit* l-fatt li rrizulta li l-appellat ma qalx is-sewwa kellu jwassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' proceduri quddiem it-Tribunal.

**Ikkunsidrat:**

It-talbiet fic-citazzjoni odjerna kienu tnejn (ghalkemm enumerati flimkien taht talba wahda bin-numru "1") u cioe` li jigi dikjarat li xiehda moghtija mill-konvenut appellat fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali kienet falza u li tali xhieda kienet waslet ghad-decizjoni, ossija kundanna, moghtija mill-istess Tribunal. Minn dan jidher immedjatament li t-tieni aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti ma ghandu ebda rilevanza ghall-mertu tal-kaz billi ma jirrizultax li din is-socjeta` talbet li dawk il-proceduri quddiem it-Tribunal jigu dikjarati nulli bhala konsegwenza ta' dik ix-xiehda falza. Kieku l-ewwel Qorti ghamlet tali dikjarazzjoni kienet tkun qed tmur oltre dak mitlub fic-citazzjoni u b'hekk d-decizjoni kienet tkun *extra petita.* Dan l-aggravju ghalhekk ma jistax jigi kunsidrat u konsegwentement qed jigi mwarrab.

Dwar l-ewwel aggravju ghandu jinghad li d-dmir ta' l-ewwel Qorti kien li fl-ewwel lok tistabilixxi jekk x-xiehda tal-konvenut kinitx falza jew le, liema falsita` rrizultat,

ghall-ewwel Qorti, bl-aktar mod car. Fit-tieni lok dik il-Qorti kellha tara jekk tali xiehda kellhiex effett determinanti fuq id-decizjoni moghtija mit-Tribunal. It-tieni aggravju ghalhekk jammonta ghal talba biex din il-Qorti tirriezamina l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u f'kaz li ma taqbilx mal-konkluzjonijiet hemm raggunti tvarja l-istess konkluzjonijiet. Issa huwa ben stabbilit li Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fuq l-apprezzament tal-provi maghmula minnha, salv jekk ikun jidher li tali konkluzzjoni tkun ser twassal ghall-ingustizzja.

Din il-Qorti wara li ezaminat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u l-provi kollha prodotti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett u gust tal-fatti tal-kaz tenut kont tac-cirkostanzi kollha, billi minn imkien ma jirrizulta li t-Tribunal Industrijali kkunsidra l-posizzjoni tal-konvenut wara t-tkeccija tieghu biex wasal ghad-decizjoni minnu moghtija. Infatti minn qari akkurat tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali jidher bic-car li d-decizjoni fuq imsemmija kienet imsejjsa fuq decizjoni zbaljata u mghaggla tal-principal ta' l-appellat billi, fil-parti konkluziva tad-decizjoni tat-Tribunal jinghad espressament hekk:
"*Wara li kkunsidra l-fatti hawn fuq elenkati ....... id-decizjoni tas-Sur Mifsud kienet zbaljata, almenu fil-25 ta' Gunju ghaliex ghal dik inhar ic-certifikat* [mediku] *kien car u ghalhekk it-Tribunal ma hassx in-necessita` ghan-nomina ta' perit kalligrafiku; dana ghax ic-certifikat anke kieku ma kienx juri ghalkemm l-appellant ma setax jaghmel ix-xoghol normali tieghu, kien juri bic-car li fil-25 ta' Gunju huwa ma setghax jaghmel dan.*

*"Gie stabbilit ukoll li l-appellant offra li jaghmel xoghol iehor – light duty – billi jsuq karozza imma ma jerfax aluminju.*

*"Jigi deciz li d-direttur Mifsud ghaggel wisq meta fil-25 ta' Gunju qallu jista' jitlaq, bi ksur tal-provvediment tal-Art. 34(15) ta' CERA u ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija kienet ngusta."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan il-bran tad-decizjoni tat-Tribunal juri bl-aktar mod car li l-kwistjoni ta’ jekk l-konvenut kellux impieg iehor ma kellha ebda rilevanza ghad-decizjoni fil-mertu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------